– SERVIZZ TA' REKLUTAGG TA' KANDIDATA PROPOSTA MILL-ATTRICI LILL-KONVENUTA –
– TALBA GHALL-HLAS/KUMPENS MILL-ATTRICI MINHABBA TALI REKLUTAGG –
– KANDIDATA INIZJALMENT PROPOSTA MILL-ATTRICI IZDA MBAGHAD IMPJEGATA TRAMITE TERZI –
– MEMORJA TA' INDIVIDWU TIDDGHAJJEF MAZ-ZMIENIJIET –
– AWTONOMIJA TAL-KONTRAENTI U *PACTA SUNT SERVANDA* –
– PRINCIPJI LI JIRREGOLAW IL-VINKOLU KUNTRATTWALI –
– KUNTRATT *PRO FORMA* IFFIRMAT MINN PARTI WAHDA: *CONTRATTO PER ADESIONE* –
– AGIR POSTERJURI GHAL KONTRATTAZZJONI GHANDU JIGI KUNSIDRAT –
– BONA FIDI U KORRETTEZZA F'KONTRATTAZZJONI –
– META NUQQAS TA' KONTRO-EZAMI JDGHAJJEF IL-POSIZZJONI TA' MIN MA JWETTQUX –

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar il-Hamis, 5 ta' Novembru, 2020**

Avviz tat-Talba numru: **269/2018**

**ROBERT J. SULTANA** [K.I. NRU. 121982M] **GHAN-NOM U IN RAPPREZENTANZA TA' INTERNATIONAL TALENT SOLUTIONS LIMITED** [C-77893] **BHALA FRANCHISE TA' ANTAL INTERNATIONAL NETWORK**[1]

***VERSUS***

**FOCUS BUSINESS SERVICES (MALTA) LIMITED** [C-49371]

B'Avviz tat-Talba introdott fil-21 ta' Gunju, 2018, l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallasu s-somma ta' tlett elef, mitejn u sitta u hamsin ewro u tmenin centezmi (€3,256.80c) u dan wara li ppremetta hekk:

1. Illi permezz ta' kuntratt ta' Terms of Business datat 24 ta' Mejju 2017 is-socjetà intimata inkarigat lir-rikorrenti sabiex tipprovdi servizzi relattivi ghal introduzzjoni ta' kandidat eligibbli ghall-impjieg bhala Junior Accountant, fi hdan is-socjetà intimata u dan taht il-pattijiet u l-kundizzjonijiet indikati fl-istess kuntratt (anness u mmarkat DOK A);

2. Illi r-rikorrenti ressqet lis-socjetà intimata kandidata idonja ghal impjieg u cioè lil Katia Milazzo;

[1] L-okkju gie korrett b'digriet fl-udjenza tat-28 ta' Novembru, 218 (*a fol*. 17).

3. Illi jirrizulta li s-socjetà intimata impjegat lil Katia Milazzo minghajr ma avzat lis-socjetà rikorrenti b'dan il-fatt;

4. Illi a tenur ta' klawsola numru 7 tal-istess kuntratt, is-socjetà intimata ghandha thallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlett elef, mitejn u sitta u hamsin ewro u tmenin centezmi (€3,256.80c);

5. Illi minkejja li s-socjetà intimata intbghatitilha invoice mir-rikorrenti (annessa u mmarkata DOK B) u kienet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammont dovut, is-socjetà intimata baqghet inadempjenti.

   Ghaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu:

   I. Jiddikjara illi s-socjetà intimata hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' tlett elef, mitejn u sitta u hamsin ewro u tmenin centezmi (€3,256.80c);

   II. Jikkundanna lis-socjetà intimata sabiex thallas lir-rikorrenti is-somma ta' tlett elef, mitejn u sitta u hamsin ewro u tmenin centezmi (€3,256.80c).

   Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjetà intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Il-konvenuta giet notifikat bl-Avviz tat-Talba fis-27 ta' Gunju, 2018 (ara *a tergo* ta' *fol*. 11) u ressqet Risposta fis-16 ta' Lulju, 2018 (ara *a fol*. 13) fejn eccepiet dan:

1. Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi l-ftehim bejn il-partijiet rigwardanti introduzzjoni ta' kandidati ghal impjieg bhala Junior Accountant ma kienx wiehed esklussiv;

3. Illi Katia Milazzo ma gietx prezentata jew introdotta lis-socjetà intimata mir-rikorrenti;

4. Illi l-kuntratt ta' impjieg milhuq bejn Katia Milazzo u s-socjetà intimata bl-ebda mod ma jista' jitqies li sehh minhabba azzjoni tar-rikorrenti;

5. Illi kienet is-socjetà Castille Limited li introduciet u prezentat lil Katia Milazzo lis-socjetà intimata u krejat diskussjonijiet bejn l-istess billi rrangat laqgha u ghenet fin-negozjati li wasslu ghall-impjegar ta' Katia Milazzo;

6. Illi s-socjetà intimata hallset lis-socjetà Castille Limited ghas-servizzi provduti minnha;

7. Illi minghajr pregudizzju ghal eccezzjonijiet precedenti, anke a bazi ta' principji ta' ekwità, l-ammont pretiz mir-rikorrenti mhuwiex dovut;

8. Illi minghajr pregudizzju ghal eccezzjonijiet precedenti, l-ammont pretiz huma altament esagerat u r-rikorrenti jridu jgibu prova tal-istess;

9. Illi Katia Milazzo ma ghadhiex impjegata mall-kumpannija intimata u hija temmet l-impjieg mall-istess fi zmien ta' prova;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Il-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa fl-udjenza tat-8 ta' Lulju, 2019 (*a fol*. 139) u t-Tribunal ha konjizzjoni ta' l-atti processwali intieri u kif ukoll tas-sottomissjonijiet fil-fomm tad-difensuri tal-kontendenti fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru, 2019 (*a fol*. 152)[2] u fl-istess udjenza l-procediment thalla ghad-decizjoni, illi qed tigi pronunzjata fl-udjenza tal-lum.

It-Tribunal, ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa mill-kontendenti u anke dawk testimonjali u ra u ezamina l-atti kollha processwali;

It-Tribunal jikkunsidra;

F'dan il-kaz il-fatti tieghu jistghu jigu deskritti billi jigu katalogati l-aspetti saljenti tieghu kif narrati miz-zewg protagonisti tieghu, ossia li jigu elenkati l-fatti kif deskritti mill-parti attrici u wara jigu katalogati kif spjegati mill-parti konvenuta.

Il-htiega ta' din id-duplicità hi necessarja fid-dawl tal-pretizi fuq naha u l-allegazzjonijiet fuq in-naha l-ohra u sabiex tohrog id-diversità fl-ottika tal-kontendenti di fronti ghall-istess xenarju fattwali uniku u komuni. Tali differenzazzjoni tghin biex wiehed jifhem ahjar, *inter alia*, x'qed tippretendi parti u x'qed tikkontesta l-parti l-ohra, l-azzjoni fuq naha wahda u l-qaghda difensjonali fuq in-naha l-ohra, l-attività ta' l-attrici u r-resistenza ghaliha da parti tal-konvenuta, bil-fini ahhari li dawn jigu mkejjla oggettivament ma' evidenza ohra indipendenti sabiex il-verità tkun tista' temergi b'aktar kjarezza u oggettività.

Il-fatti skond il-parti attrici huma dawn[3]:

**(a)** Fl-24 ta' Mejju, 2017 gie ffirmat ftehim bejn il-partiet fejn irregolaw ir-relazzjoni bejniethom permezz ta' liema, u fost oggetti varji ohra, l-attrici

---

[2] Ara traskrizzjonijiet relattivi *a foll*. 153–160.
[3] Din il-kronologija fattwali hi, primarjament, mahruga mix-xhieda ta' Robert J. Sultana fl-udjenza tat-28 ta' Novembru, 2018 (*a foll*. 19–24 *tergo*).

"*will use reasonable endeavours to present candidates to* [defendant] *who appear to the* [defendant] *to be suitable for the position(s) the* [defendant] *seeks to fill*."  Skond l-istess ftehim, l-attrici kienet intitolata ghal *fee* minghand il-konvenuta mahduma u kkalkulata skond certa kundizzjonijiet jew sitwazzjonijiet kontemplati fl-istess ftehim. Il-*fee* relattiva kellha tigi kommuzurata skond l-ingagg tal-kandidat suggerit mill-attrici abbazi tal-paga annwa grossa moghtija u percepita mill-imsemmi kandidat hekk ingaggjat mill-konvenuta;[4]

**(b)** Ghall-habta ta' Ottubru, 2017, fuq instigazzjoni tal-konvenuta (*a fol*. 37), u wara d-debita ricerka da parti ta' l-attrici, l-attrici gabret dettalji dwar tlett (3) kandidati potenzjali ghall-posizzjoni ta' "Junior Accountant" fi hdan is-socjetà konvenuta u ghall-habta tat-13 ta' Novembru, 2017 (*a foll*. 26–30) l-attrici ghaddiet l-informazzjoni relattiva lill-konvenuta;

**(c)** Fost tali tlett (3) kandidati prospettivi, kien hemm Katia Milazzo.  L-attrici ghaddiet il-*curriculum vitæ* (CV) ta' l-imsemmija kandidata lill-konvenuta ghall-habta tat-13 ta' Novembru, 2017 (*a foll*. 31–33) u Katia Milazzo intghazlet mill-konvenuta biex isirilha *interview* dwar l-imsemmija posizzjoni fi hdanha (*a fol*. 25).  Ghall-habta ta' bejn it-13 u l-15 ta' Novembru, 2017, l-imsemmija kandidata u l-konvenuta kienu kkomunikaw bejniethom dwar il-potenzjali *interview*. Madanakollu, sussegwentement, l-istess Katia Milazzo infurmat lill-attrici li ma kinitx aktar interessata fil-posizzjoni mal-konvenuta (*a fol*. 66);

**(d)** Ghall-habta ta' Frar, 2018, l-attrici skopriet li l-istess Katia Milazzo bdiet tahdem bhala "Junior Accountant" fi hdan il-konvenuta u dan b'effett minn Dicembru, 2017 (*a tergo* ta' *fol*. 21).  L-attrci ghamlet din l-iskoperta b'mod accidentali permezz tal-sit elettroniku "LinkedIn" fejn fuq il-profil ta' Katia Milazzo kien hemm indikat (u minnha stess dikjarat), *inter alia*, illi "*Accounting Officer at FBS*[5] *– Malta Company Formation* [...] *December 2017 – Present (3 months)*" (*a fol*. 34);

**(e)** Fid-dawl ta' dan kollu, l-attrici tissuspetta illi ghalkemm kienet il-katalist biex tinstab kandidata (Katia Milazzo) – li eventwalment giet impjegata mill-konvenuta – il-konvenuta qed tipprova tahrab mill-obbligu ta' kumpens skond il-ftehim ta' bejniethom billi tipprova tavvanza l-argument li l-ingagg relattiv sehh tramite terzi u mhux tramite l-attrici.  Fi kliem Robert J.

[4] Dwar dan ara, *inter alia*, klawsola numru 2 tal-ftehim fejn jikkontempla «Contingency Assignments», «Retained Assignments» u «Exclusivity Assignmanet» (*a fol*. 4).
[5] Abbrevjazzjoni ta' "Focus Business Services", li hu l-istem tas-socjetà konvenuta.

Sultana, direttur ta' l-attrici, "*min-naha taghna ovvjament li kieku ghadda perjodu ta' zmien estensiv nista' napprezza li jkun ghadda iz-zmien u dak li jkun jaljena rasu. Però minhabba l-fatt li kien hemm komunikazzjonijiet ghaddejjin f'Novembru – mid-November u mbaghad jidher li ftit gimghat wara l-persuna giet impjegata, ghalija qajmet naqra suspett li seta' kien hemm ragunijiet ohra behind it li ma gejniex informati*." (*a tergo* ta' *fol*. 22).

Is-segwenti huma l-fatti kronologici skond il-parti konvenuta, katalogati b'dan il-mod[6]:

**(a)** Il-konvenuta giet avvicinata minn Robert J. Sultana, direttur tas-socjetà attrici, tramite is-sit "LinkedIn" sabiex tippresta s-servizzi relattivi ghar-reklutagg ta' impjegati (*a fol*. 104). L-attrici kienet ghaddiet kopja ta' ftehim *pro forma* lill-konvenuta[7] izda minhabba l-klawsola li titkellem dwar esklussività, il-konvenuta ma setatx taccetta tali kundizzjoni peress li diga' kellha kuntratti ohra ezistenti ma' kumpanniji terzi dwar reklutagg. Ghalhekk, il-konvenuta xtaqet li tigi inserita klawsola illi "*fiha kwalsiasi spettanzi dovuti* [lill-attrici] *bhala senserija ser ikun mhallas basta li r-reklutagg isir tramite Antal*." (*a tergo* ta' *fol*. 104);

**(b)** Kontestwali ma' l-iffirmar ta' dan il-ftehim da parti tal-konvenuta, iddahhlet klawsola miktuba bl-idejn ezatt fl-ahhar tieghu illi taqra hekk: "FEES: CONTINGENCY ASSIGNMENT: ONLY IF HIRING IS SUCCESSFUL VIA ANTAL (INTERNATIONAL TALENT SOLUTIONS LIMITED)"[8] u l-konvenuta cemplet lid-direttur ta' l-attrici dwar tali klawsola[9] u kif ukoll bghatet email datat 24 ta' Mejju, 2017[10], illi, "*As for the terms and conditions, please confirm whether this engagement is considered as a 'retainer assignment' and whether any payments would be due if the vacancy is not filled by a candidate that is presented by yourselves (we shall only be interested in entertaining a collaboration with yourselves if the fee structure takes the form of a success fee payable only if recruitment is successful, as we have in place with all other recruitment agencies*)." Skond id-direttur tal-konvenuta, Bernard Darmanin, "*jiena again ma ittikkjajt l-ebda box minn l-agreement li ried nittikja hu. Cemplitlu* [lil Robert J. Sultana]*, ftehmna, qalli ok, u ftehmna li nnizzilha fuq in-naha ta' wara, ghax jien nizziltha. Jiena*

---

[6] Din il-kronologija fattwali hi primarjament mahruga mix-xhieda ta' Dr. Adrian Vella fl-udjenza tal-30 ta' April, 2019 (*a foll*. 104–111) u mix-xhieda ta' Bernard Darmanin fl-istess imsemmija udjenza (*a foll*. 113–119).
[7] Ara email ta' Robert J. Sultana *a fol*. 51.
[8] Ara *a fol*. 6 u anke *a fol*. 60.
[9] Ara *a fol*. 105 u *a tergo* ta' *fol*. 113.
[10] Kopja ezibita *a fol*. 54–55.

*bghattielu email. Hu qatt ma qalli le jew xi haga; jigifieri hu mall-ewwel beda' jibghatli is-CVs. Jigifieri hu accettah dan l-arrangament*."[11];

**(c)** B'mod immedjat il-konvenuta bdiet tircievi *cirricumlum vitæ* (CV's) minghand l-attrici[12] dwar kandidati prospettivi, liema CV's il-konvenuta akkumulathom flimkien ma' diversi ohrajn li kienet lahqet irciviet (u li kienet ghadha qed tircievi) minghand sorsi (*headhunters*) ohra;

**(d)** Fost tali CV's kien hemm dak ta' Katia Milazzo spediti mill-attrici fit-13 ta' Novembru, 2017[13] mibghut b'email li kien jghid, *inter alia*, hekk: "*Please find attached CV and Screening Report for another interesting shortlist for the above-referenced position. Candidate is already on a Eur 22,000, therefore her expectations would be in the same region, preferably higher. Her father is Italian and she speaks fluent Italian and has also attained an A-Level in Italian.*"[14] Il-konvenuta kienet interessata f'tali kandidata u bghatet email fl-14 ta' Novembru, 2017 lill-attrici fejn uriet tali interess u kitbet illi, "*We are very interested in having an interview with Katia. Kindly co-ordinate with her in this respect - we are available every day till late evening.*"[15] Madanakollu, l-ghada, 15 ta' Novembru, 2017, l-attrici bghatet email lill-konvenuta fejn infurmata hekk: "*Just spoke to Katia, and the candidate advised that she has meanwhile received other offers and options on the table, and therefore she would like to drop the FBS path for the time-being. She conveys her thanks and prefers to be clear from the outset instead of attending an interview and wasting your/our time. Pity as her profile would have been extremely interesting and matching*."[16] Ghalhekk, il-konvenuta, f'dak l-istadju, skartat l-imsemmija kandidata u nehhiet l-informazzjoni relattiva minn fuq id-*database* taghha;[17]

**(e)** Sussegwentement, senjatament fit-28 ta' Novembru, 2017, kumpannija ohra (i.e., Castille Staffing Limited[18]), bghatet lill-konvenuta "*Katia's resume who has shown interest in the Accounts Executive role, please find her profile as follows* ...".[19] Il-konvenuta kienet interessata f'din il-kandidata (Katia Milazzo) u riedet twettaq *interview*.[20] Tali *interview* mall-

[11] Ara *a tergo* ta' *fol*. 113.
[12] *ibid*.
[13] Ara *a foll*. 63–64 u *a fol*. 114.
[14] Ara *a fol*. 61.
[15] Ara *a fol*. 65.
[16] Ara *a fol*. 66.
[17] Ara *a fol*. 106 u *a tergo* ta' *fol*. 115.
[18] Il-konvenuta ghandha ftehim ma' din il-kumpannija datat 1 ta' Jannar, 2017 (*a foll*. 67–68).
[19] Ara *a fol*. 69 u anke *a fol*. 115.
[20] Ara *a foll*. 73–76.

kandidata mbaghad sehh u kemm il-konvenuta[21] u kif ukoll l-indikata kandidata[22] kienu sodisfatti bl-ezitu ta' l-istess. Katia Milazzo kienet giet impjegata mal-konvenuta fl-14 ta' Dicembru, 2017[23] u Castille Staffing Limited kienet giet imhallsa ghas-servizz moghti f'din il-kwistjoni.[24]

**(f)** Il-konvenuta tippreciza illi qabel ma Castille Staffing Limited formalment ressqet lil Katia Milazzo bhala kandidata prospettiva, hi qatt ma avvicinat lill-istess kandidata personalment: *"jiena lis-sinjura Milazzo qatt ma kellimtha direttament, minn informazzjoni. Jigifieri jiena kellimtha wara li [Castille Staffing Limited] kienet ghamlet l-interview; ghamilniha u dejjem through [Castille Staffing Limited] jigifieri; jigifieri assolutament qatt ma ghamiltha u qatt mhux ser naghmilha jigifieri ovvjament*."[25] Inoltre, il-konvenuta ma kinitx ghamlet kollegament bejn il-kandidata provduta mill-attrici u dik offerta minn Castille Staffing Limited, ossia li din kienet l-istess persuna. Ir-raguni tkun li l-konvenuta kienet irciviet bosta CV's u l-ezercizzju relattiv (ta' skrutinju ta' CV's) ma sarx minn persuna wahda fi hdan il-kumpannija konvenuta. Infatti Bernard Darmanin jghid li, "*ircivejna hafna* [CV's u] *the exercise ma sarx minni biss. Jiena kont involut imma kien hemm il-kollega tieghi Dunstan u anke Adrian Vella, li ahna konna qeghdin nahdmu fuqha. Infatti l-interview ma' Katia li eventwalment saret ma saritx minni, imma saret minn Dunstan kollega tieghi. Jigifieri iktar u iktar kienet difficli. Again, kif ghedtlek ukoll diga', li l-ismijiet mhux ser niftakarhom*."[26]

Dawn iz-zewg perspettivi jitkellmu fuq l-istess sitwazzjoni fattwali, izda jiddeskrivuha, u jiggustifikawha, minn ottika kompletament diversa. Ghall-parti attrici l-impjieg ta' Katia Milazzo mal-konvenuta kien dovut ghall-isforzi unici taghha, filwaqt li ghall-konvenuta l-ingagg ta' l-istess Katia Milazzo ma kienx dovut ghall-ghemil tal-attrici izda b'adoperu ta' terzi. Dawn jidhru li huma z-zewg veritajiet assoluti maghrufa lill-kontendenti, izda meta mpoggija akkonfront tohrog lampanti kemm huma punti di vista estremi u divergenti.[27]

---

[21] Ara *a fol*. 77.
[22] Ara *a fol*. 78.
[23] Ara kuntratt ta' l-impjieg *a foll*. 80–90 u 'confidentiality agreement' *a foll*. 92–98.
[24] Ara invoice *a fol*. 100 u *cheque* tal-pagament *a fol*. 112 (ic-*cheque* juri ammont akbar minn dak indikat fil-fattura peress li f'tali hlas kien hemm migbur ammont/pagament ulterjuri ghal servizzi ohra).
[25] Ara *a tergo* ta' *fol*. 115.
[26] Ara *a tergo* ta' *fol*. 116. Ara anke l-kontro-ezami relattiv fejn jirrepeti l-istess haga (*a tergo* ta' *fol*. 147).
[27] Dwar dan, huwa pertinenti li jigi rilevat illi mal-mghodija taz-zmien, il-memorji umani (bhala rikollezzjonijiet ta' eventi passati) jtendu li jiddeterjoraw, fejn il-kronologija u d-dettall ta' l-istess jigu fuzi u konfuzi. Hemm ukoll it-tendenza, naturali u umana, li tali memorji jiehdu xejra suggettiva u jigu "mtejjba" jew "ameljorati" sabiex in-narrazzjoni tal-fatt narrat taghmel "sens", biex l-istorja rrakkuntata tkun "ahjar", biex certu zbalji jigu "radrizzati" u anke biex ir-rwol tan-narratur johrog aktar "spikkat" fl-

Ghalhekk, jaqa' bi dmir fuq dan it-Tribunal li qalb l-evidenza lilu sottomessa, jittenta, bl-ahjar hila li jippossjedi, li jsib il-vera verità tal-grajja ta' quddiemu u dan l'ghaliex "veritas una vis, una facies est". F'tali cirkostanzi, il-qrati taghna ghallmu li, "*fl-esperjenza forensika, f'kwazi kull process, ghal kull min jezamina l-provi bl-ahjar reqqa, ghandha temergi xi cirkostanza, jew xi serji ta' cirkostanzi, li tispikka fost il-matassa tal-provi u jkollha forza perswadenti qawwija, jekk mhux konklusiva, tal-kas*" (**Gio Maria Agius v. Giuseppe Agius et**, Appell Superjuri, 30 ta' Gunju, 1969; mhux pubblikata).

Hekk kif ser jintwera aktar 'l isfel, certa provi oggettivi u indipendenti migjuba a konjizzjoni tat-Tribunal ixaqilbu lejn verzjoni u jiddistakkaw ruhhom minn ohra, ossia jaghtu sustanza korroborattiva lil tezi u mhux lill-ohra.

Izda, qabel kull approfondiment fil-fattispecji fattwali ta' dan il-kaz, it-Tribunal jehtieg jissenjala certu principji gwida ghal dan il-kaz, liema principji jiddefinixxu l-istanza attrici u kif ukoll id-difiza tal-konvenuta. Tali precetti legali u presupposti guridici huma dawk li gejjin.

---

istorja jew fl-event li jkun qed jigi deskritt jew imfisser. Agguntivament, hemm ukoll it-tendenza – ukoll naturali u umana – li l-memorji taghna jigu – direttament jew le – "kontaminati" minn stejjer u infuwenzi ohra. Jidher li ma kienx 'il boghod mill-verità l-filosfu Ingliz **John Stuart Mill** [1806–1873] fl-opra tieghu «The Jungle Tide» meta sostna li, "*The memories of men are too frail a thread to hang history from.*" L-awtur Amerikan **Marvin E. Frankel** ("Partisan Justice", edizjoni Hill & Wang, 1978; p. 74) jikteb hekk: "*Everyone is familiar by now with the phenomena of faulty observations, warped memory, and suggestibility leading to dubious accounts of events by the most honest of witnesses. We all tend more or less to see what we are disposed to see and to recall what it suits us to recall. It takes effort to surmount these inclinations. As a result, the attempt to reconstruct past events, the usual business of courtroom trials, is taxing under the best of conditions. Add the heat and smoke of controversy for high stakes and the task is regularly formidable.*" L-istess jinsab miktub mill-awtur Taljan **Domenico Carponi-Schittar** fl-opra "Dal Colloquio Informativo Al Controesame" (Giuffrè, ed. 2010; pp. 113 *et seqq.*) li ghalih it-Tribunal jaghmel referenza bla htiega ta' citazzjonijiet. Dan jassumi certu rilevanza fil-kamp guridiku meta wiehed iqies it-taghlim kontemporanju ta' **Domenico Carponi-Schittar** ("Dal Colloquio Informativo Al Controesame", Giuffrè, ed. 2010; p.113), partikolarment meta jikteb dwar "*l'erosione dovuta allo scorrere del tempo tra il momento della percezione e quello della resitituzione del fatto mediante narrazione*" u fejn ighid li, "*non soltanto quel trascorrere* [del tempo] *affievolisce naturalmente la traccia lasciata dall'evento, ma la qualità del ricordo depositato è fatta automaticamente deteriorare anche perché nel frattempo la nosta mente avrà immagazzinato miliardi di altri dati ai quali si è dovuto fare posto.*" B'zieda ma' dan, fid-decizjoni *in re* **Audrey Murphy et v. Mark Anthony Murphy** (Prim'Awla, 11 ta' Gunju, 2015) inghad hekk: "*bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet.*"

Dan it-Tribunal diga' kellu okkazzjonijiet fil-passat[28] li jitratta l-materja tan-natura ta' rabta kontrattwali u kif il-konvergenza ta' volontajiet distinti f'ghan komuni twelled sitwazzjoni fejn l-awtonomaija inizjali u unilaterali tal-kontraenti tghaddi minn process ta' metamorfosi u eventwalment tnissel qaghda guridika, partikolari u *ad hoc*, li timponi fuq l-istess awturi kontraenti l-obbligu illi jridu jbaxxu rashom quddiemha u jissubixxu l-effetti taghha. Fi kliem iehor, l-istess awturi ta' l-obbligazzjoni (li volontarjament u liberament fassluha u gabuha *in essere*) jispiccaw biex isiru meri soggetti taghha meta din tigi kompjuta u finalizzata.

Fil-kaz odjern, hemm indubbjament legam kontrattwali kif rakkjuz fil-ftehim ta' l-24 ta' Mejju, 2017 (*a foll*. 4–6) u dwar tali rabta t-Tribunal jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet ta' natura generali:

**(a)** L-awtur **FRANÇOIS LAURENT** ("Principii di Diritto Civile", Leonardo Vallardi ed. 1885; Vol. XIX p. 196) jikteb li, "*l' atto è uno scritto redatto per constatare un fatto giuridico; ora è la sottoscrizione che certifica ciò che le parti constatano.*" Indubbjament, is-sottoskrizzjoni fuq dokument hi element essenzjali tieghu in kwantu tistabilixxi l-volontà tal-firmatarju li hu qed japprova l-kontenut ta' l-istess u jaghzel liberament li jintrabat skond it-terminu fih stipulati. Di fatti, din l-istess sottoskrizzjoni tassolvi funzjonijiet duplici. Il-wahda, indikattiva ghal fini li jkun individwat l-awtur tad-dokument u l-ohra, dikjarattiva, billi min iqieghed il-firma jassumi l-paternità tad-dikjarazzjonijiet kontenuti fl-istess dokument.[29] L-awturi **RODOLFO SACCO** u **GIORGIO DE NOVA** ("Il Contratto", UTET Giuridica, IV edizione, 2016; p. 726) jiktbu illi, "*La sottoscrizione è indispensabile, anche se il documento è intieramente scritto di pugno della parte. Infatti, finché manca la sottoscrizione, manca la prova documentale che il documento contenga una volontà negoziale … La firma è efficace anche se apposta sul margine dei fogli*." Din hija l-posizzjoni klassika li tidentifika s-sitwazzjoni ordinarja u komuni fejn il-kontraenti ghall-ftehim jiffirmawh entrambi fl-istess waqt. Izda jista' jaghti l-kaz illi kuntratt jigi perfezzjonat gradatament (gradwalment) jew progressivament, u fuqu jkun hemm solament il-firma ta' parti u mhux ta' l-ohra. Nonostanti dan in-nuqqas din l-ahhar parti tkun marbuta ma' tali ftehim u tkun xorta wahda vinkolata bih. Infatti jinsab rikonoxxut li, "*Qualora le trattative procedano attraverso uno scambio di corrispondenza o di manifestazioni di volontà e si è in presenza quindi di un contratto a formazione progressiva, il momento conclusivo del contratto è quello in cui il documento riepilogativo di tutte le condizioni del contratto viene sottoscrtitto o comunque accettato dall'altra parte*." (*cas. civ*.

---

[28] Ara fost ohrajn is-sentenzi *in re* **Joseph Azzopardi v. Alan Ellul** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 30 ta' April, 2019) u *in re* **GO plc v. Miguel sive Michael Degiorgio** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 4 ta' Frar, 2020).

[29] Ara s-sentenza *in re* **Maltacom plc v. Ibrahim Salifu** (Appell Inferjuri, 6 ta' Frar, 2008).

7094/2001 – *cfr*. “Commentario Breve al Codice Civile” ta’ l-awturi **GIORGIO CIAN** u **ALBERTO TRABUCCHI**, 8a ed., CEDAM 2001; p. 1475). Fid-dritt Taljan dan huwa rikonoxxut bhala «contratto per adesione» li huwa tali “*solo quando, alla stegua del contenuto dei relativi patti, risulti predisposto unilateralmente da un contraente, in base a uno schema destinato ad essere utilizzato per una pluralità di rapporti, sì da escludere una sua formazione in esito a trattativa negoziale e relegare il potere dell’altro contraente a una mera accettazione o meno di detto schema*.” (*cas. civ*. 3091/1988; *cas. civ*. 12153/2006; *cas. civ*. 3184/2006 – *cfr*. **GIORGIO CIAN** u **ALBERTO TRABUCCHI**, *op. cit.*, p. 1508). Dan huwa li gara fil-kaz tal-lum.[30] Skjarit dan l-aspett, wiehed jghaddi ghall-aspetti ohra;

**(b)** Issa, minghajr mezzi termini, il-legislatur patriju fl-ewwel sub-inciz ta’ l-Art. 992 tal-Kodici Civili jiddetta li, “*Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta’ liġi għal dawk li jkunu għamluhom*” u jkompli jzid, fit-tieni sub-inciz, illi, “*Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta’ xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi*.” Tali disposizzjoni taghti setgha ta’ vinkolu legali, guridikament rikonoxxut, lill-awtonomija privata tal-kontraenti,[31] ossia l-volontà taghhom li jaghzlu jintrabtu b’mod reciproku f’legam kuntrattwali, basta li r-rabta hekk imnissla issehh skond l-ordinament guridiku u in konformità mieghu [hawnhekk wiehed jaghmel rikjam ghall-Art. 982(2)[32], l-Art. 985[33], l-Art. 990[34], l-Art. 1054[35] tal-Kodici Civili li jimponu limiti];

**(c)** Tali awtonomija tista’ facilment tinstilet minn dak li jippreskrivi l-Art. 960 tal-Kodici Civili, illi jiddefinixxi l-kuntratt bhala “*konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn min-nies jew iżjed, illi bih tiġi magħmula, regolata, jew maħlula obbligazzjoni*.” Meta l-istess awtonomija tal-partijiet kontraenti tigi abbinata ma’ l-osservanza ta’ dak li tinnecessita l-ligi bhala sustanza u anke bhala forma (jew

---

[30] Infatti, id-dirigent ta’ l-attrici spjega li, “*Ir-raguni hija li hemm referenza ahna mill-kumpannija taghna li qed nipproduci d-dokument u ovvjament hemm spazju ghall-klijent biex japprova t-termini li ahna nipprezentaw. Jigifieri normalment fi procedua noramli ma niolbux li jkun hem mil-firma taghna ghax huwa document li qed nohorgu ahna*.” (*a fol*. 23). In kontro-ezami qal illi, “*Korrett li ma kienx hemm il-firma taghna u korrett li qbilna* [dwar il-ftehim] *ghax ovvjament hrignih ahna*.” (*a fol*. 130).

[31] “*L’autonomia privata è fondamentalmente potere di autodeterminazione del soggetto, cioè potere del soggetto di decidere della propria sfera giuridica. In generale, tuttavia, la determinazione della propria sfera giuridica coinvolge anche la sfera giuridica di altri soggetti*” (*cfr*. **C. MASSIMO BIANCA**, “Diritto Civile: Il Contratto”, Vol. III, Giuffrè 1999; §4, p.11).

[32] L-Art. 982(2) Kod. Civ. jghid hekk: “*Il-ħwejjeġ biss li ma humiex extra commercium jistgħu jkunu oġġett ta’ ftehim*.”

[33] L-Art. 985 Kod. Civ. jghid hekk: “*Il-ħwejjeġ impossibbli, jew ipprojbiti mil-liġi, jew kuntrarji għall-egħmil xieraq, jew għall-ordni pubbliku, ma jistgħux ikunu oġġett ta’ kuntratt*.”

[34] L-Art. 990 Kod. Civ. jghid hekk: “*Il-kawża hija illeċita meta hija pprojbita mil-liġi jew kuntrarja għall-egħmil xieraq jew għall-ordni pubbliku*.”

[35] L-Art. 1054 Kod. Civ. jghid hekk: “*Kull kondizzjoni kuntrarja għall-egħmil xieraq, jew għall-ordni pubbliku, jew ipprojbita mil-liġi, jew illi ġġiegħel l-esekuzzjoni ta’ ħaġa impossibbli, ma tiswiex, u tagħmel ma jiswiex il-ftehim li jkun jiddependi minnha*.”

formalità), hemmhekk tinholoq l-obbligazzjoni kuntrattwali. Tali obbligazzjoni tohloq vinkolu li jorbot lill-kontraenti f'legam li ghandu jigi rispettat, onorat, imhaddem u ezegwit. In effetti, jinsab insenjat li, "*L'obbligazione è un vincolo; l'espressione latina è più energica «vinculuum»; è un legame (una chaîne); quegli che è legato (en-chaîne) non può sfuggire al potere di colui che lo tiene ne'legami. Ebbene, la persona obbligata è legata, come lo è una persona stretta da legami.*" (*cfr*. **FRANÇOIS LAURENT**, *op. cit.*, Vol.XV, §424, p. 367);

**(d)** Meta l-partijiet ghall-kuntratt jifthiemu, *inter alia*, dwar l' "an" (l-oggett), dwar il-"quando" (il-meta) u dwar il-"quomodo" (il-metodu jew il-kif) ta' l-att li ghandu jigi kompjut, f'dak il-preciz mument tinholoq qaghda awtonoma mill-volontà rispettiva taghhom li torbothom u tirregolahom. Konkjuza l-kontrattazzjoni l-istess imbaghad tiehu hajja propria indipendenti, regolata bil-principju ben not ta' "pacta sunt servanda". B'hekk jinghalaq cirku immaginarju fejn il-partijiet ghall-kuntratt li taw bidu ghalih u holquh, darba mahluq u perfezzjonat in-negozju guridiku, l-istess kuntratt jakkwista fonti t'obbligazzjoni vinkolanti *a se stante* u dan propju ghax, salv kazijiet eccezzjonali [*vide* Art. 992(2) Kod. Civ.], "*ciascuno sa che il contratto, una volta perfetto, vive di vita propria, non potendo più essere modificato singolarmente dagli artefici*" (*cfr*. **MASSIMO FRANZONI**, "Degli Effetti Del Contratto", Giuffrè 2ª ed. 2013; Vol.I, p. 5) u wkoll ghax "*è ben radicata l'idea che il contratto, una volta formatosi, cristallizza l'interesse delle parti, sicché queste sono tenute ad osservare la regola che ormai è sfuggita alla loro disponibilità*" (*ibid*. p.8);

**(e)** L-ordinament Malti jiggarantixxi lill-privati dik il-libertà li jikkontrattaw dwar id-deziderji proprji b'dak il-mod u metodu l-aktar koerenti ma' l-interessi taghhom, bil-gosti taghhom u anke tenut kont tal-kapricci (leciti u ragjonevoli) taghhom. Dan hu anke dezunt meta l-Artt. 960 u 992(1) tal-Kodici Civili, fuq citati, jinqraw flimkien skond in-norma li tghallem illi "ex antecedentibus et consequentibus fit optima interpretatio."[36] Dak l-impenn kontrattwali li jitnissel

---

[36] Kwalsiasi interpretazzjoni ta' disposizzjoni tal-ligi hija l-ahjar miksuba (*optima interpretatio*) meta mehuda u kkunsidrata fl-isfond tal-ligi shiha u tad-disposizzjonijiet li jippreceduha (*antecedentibus*) u dawk li jigu warajha (*consequentibus*). Kif rakkjuz fil-gurisprudenza nostrali, "*per interpretare la legge in una maniera giusta è necessario conferire insieme tutti gli articoli e non decidere dietro uno dei suoi precetti*" (**Negte. Emmanuele Scicluna pro et noe v. Negte. Giuseppe Calcedonio Borg noe et**, Appell Kummercjali, 21 ta' Gunju, 1871). Ghalhekk, il-kliem m'ghandux jittiehed singolarment u/jew *in vacuo*. Id-disposizzjoni m'ghandiex tinqara u tigi nterpretata *in lontananza* mill-kuntest shih tal-legislazzjoni li tabbraccjaha stante li, "*Naturalment wiehed ma jistghax iwarrab minn quddiem ghajnejh il-kontest kollu tal-ligi in kwistjoni u ligijiet ohra li jistghu jkunu rilevanti: «tota lege perspecta»* " (**Grazio Pace v. Vivian De Gray noe**, Appell Superjuri, 25 ta' April, 1969; mhux pubblikata). Dan ir-ragunament irribadietu s-sentenza fl-ismijiet **L. & A. Camilleri Limited v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** (Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 2001; mhux pubblikata) fejn intqal illi, "*fil-waqt illi l-kelma tal-ligi kien jehtieg li tigi rispettata fl-applikazzjoni taghha, dan ma jfissirx illi s-sinnifikat letterali tal-kelma wahdu kien dak li kellu jwassal ghal interpretazzjoni gusta taghha. Anke l-kelma tal-ligi kellha tigi interpretata fl-isfond tas-*

minn impenn liberament assunt u liberament determinat, imbaghad, jittraduci ruhu f'impenn vinkolanti ghall-istess partijiet, proprjament ghax "*i privati sono liberi di contrarre, ma se contraggono si vincolano: perché questo vincolo trova fondamento nella loro libertà. Il termine stesso di «autonomia», del resto, esprime sia l'idea della libertà, sia l'idea del vincolo*" (*cfr*. **Enzo Roppo**, "Il Contratto", 1989; parte IV, p. 129). Tali rabta kontrattwali "*priva il debitore della sua libertà o la diminuisce; essendosi obbligato, egli non è più libero, egli ha abdicato la sua libertà, e può esser costretto dalla forza pubblica ad adempire ai suoi impegni*" (*cfr*. **François Laurent**, *op. cit.*, §424, p. 367);

**(f)** Ghaldaqstant, jista' jigi generalment konkluz illi l-kuntratt jiggenera bejn il-partijiet, awturi liberi tieghu, vinkolu guridiku u tali legam guridiku jipproduci effetti li jitraxxendu l-volontà tal-partijiet, liema effetti jridu jigu minnhom subiti u liema effetti, salv kazijiet eccezzjonali, ma jistghux jigu respinti. Dan ghax il-kuntratt jimplika akkordju, cioè l-volontà tal-partijiet li jaccettaw programm specifiku definit f'regolament kontrattwali minnhom imfassal u li ghalih jissottoskrivu.

Dan hu proprju dak li sehh fil-kaz taghna. Is-sottoskrizzjoni da parti tal-konvenuta tal-ftehim precedentement konfezzjonat u propost mill-attrici generikament jissimbolizza, u intrinsikament ifisser, l-accettazzjoni tar-rabta reciproka taghhom *versu* numru ta' obbligazzjonijiet li ghalihom assoggettaw il-kondotta taghhom minn dak il-mument specifiku 'l quddiem, u cioè li parti tippresta servizz (i.e., issib u tressaq kandidat idoneju) u l-parti l-ohra tirrikonoxxi l-istess u tikkumpensah (i.e., thallas il-*commission* relattiva).

F'dan il-kaz izda hemm iz-zieda ta' aspett alkwantu anomalu u ferm partikolari. Dan jinsab fil-fatt li parti kontraenti (il-konvenuta) – meta wasal ghandha l-abbozz pre-konfezzjonat tal-ftehim da parti ta' l-attrici – uriet li ma kinitx kuntenta tintrabat ezattament skond kif propost mill-parti kontraenti l-ohra (l-attrici) u ghazlet tiffirma l-ftehim bla ma timmarka klawsoli li kienu jirrikjedu "tick-the box" u bi kwalifika f'forma ta' klawsola *ad hoc* inserita fl-ahhar tal-ftehim miktuba bl-idejn. Din il-klawsola taqra hekk: "FEES: CONTINGENCY ASSIGNMENT: ONLY IF HIRING IS SUCCESSFUL VIA ANTAL (INTERNATIONAL TALENT SOLUTIONS LIMITED)". Mat-trasmissjoni tal-ftehim minnha sottoskritt u bi klawsola hekk mizjuda *di proprio pugno*, il-konvenuta senjalat lill-attrici, permezz t'email datat 24 ta' Mejju, 2017, illi, "*As for the terms and conditions, please confirm whether this engagement is considered as a 'retainer assignment' and whether any payments would be due if*

---

*sens kollu tad-disposizzjoni taht ezami u kif din tinkwadra fl-ispirtu tal-legislazzjoni shiha. Principji dawn li japplikaw fl-interpretazzjoni ta' kull disposizzjoni ta' dritt ...*". Ara wkoll **Mary Anne Borg et v. Kummissarju tat-Taxxi Interni** (Appell Inferjuri, 9 ta' April, 2010).

*the vacancy is not filled by a candidate that is presented by yourselves (we shall only be interested in entertaining a collaboration with yourselves if the fee structure takes the form of a success fee payable only if recruitment is successful, as we have in place with all other recruitment agencies*).”[37] Inoltre, u kif inghad, il-klawsoli “tick-the box”[38] ma gewx immarkati mill-konvenuta fuq il-ftehim *pro forma* u dan fid-dawl tal-klawsola gdida *ad hoc* minnha aggjunta. Ma jidher li kien hemm l-ebda reazzjoni da parti tal-parti attrici dwar tali klawsola u kwalifika mill-konvenuta (hlief ghal email fejn l-attrici donnha tghid li tifhem u tapprezza l-posizzjoni tal-konvenuta f’dan ir-rigward[39]). Anzi, jidher li l-attrici attivat ruhha u bdiet tibghat informazzjoni dwar kandidati prospettivi lill-konvenuta. Allura d-domanda hija din: il-klawsola inserita mill-konvenuta fil-kuntest tal-ftehim hija legittima u valida u torbot l-attrici?

Dan l-aspett, pekuljari u partikolari, jaghti lok ghal dawn is-senjalazzjonijiet introduttivi tal-kwezit:

**(i)** Materja bhal din hawn ventilata tqajjem bla dubju kwistjoni ta’ interpretazzjoni u l-aktar dik ta’ l-indagini tal-probabbli volontà komuni tal-partijiet kontrenti u tar-ricerka ta’ l-elementi ta’ l-intenzjonijiet rispettivi konfluwenti f’dik l-istess volontà komuni li, skond l-Art. 992(1) tal-Kodici Civili, tikkostitwixxi l-ligi tal-kuntratti (**George Xuereb et v. Richard Matrenza**, Appell Inferjuri, tal-15 ta' Lulju, 2009). F’dan ir-rigward, u bhala osservazzjoni generali, jinghad mill-**Qorti ta’ Kassazzjoni Taljana** illi, “*I criteri di ermeneutica contrattuale fissati dagli artt. 1362 e ss., ivi incluso quello dell’interpretazione secondo buona fede, devono essere rivolti all’individuazione dell’effettivo contenuto della commune intenzione dei contraenti e non possono giustificare una dilatazione della portata dei patti negoziali, con l’introduzione di diritti ed obblighi diversi da quelli con essi contemplati e l’eterointegrazione dell’assetto negoziale previsto dai contraenti, nemmeno se questo adeguamento si presenti in astratto idoneo a ben contemperare i loro interessi*.” [sentenza nru. 2293 tas-sena 2003][40] In aggjunta, l-istess **Qorti ta’ Kassazzjoni** kienet ukoll affermat illi, “*L’indagine diretta a*

---

[37] Ara *a fol*. 55.

[38] *vide* klawsola numru 2 tal-ftehim (*a fol*. 4).

[39] F’email datat 24 ta’ Mejju, 2017 l-attrici kitbet hekk bi twegiba lill-konvenuta: “*With respect to the terms of business, we have three options we extend to our clients, and I understand your preference would be to opt for a Contingecy Assignment, which by definition means that our fee applies subject to successful hiring of the shortlisted candidate. This is a tick-box on the terms, not a problem*.” Ghat-Tribunal dan jindika li l-attrici kienet qed tifhem ir-rikjesta tal-konvenuta. Infatti, wara tali email tal-attrici, il-konvenuta bghatet email 48-il minuta b’mieghu anness kopja *scanned* tal-ftehim minnha sottoskritt, bl-ebda kaxxa relattiva “ticked” u bil-klawsola l-gdida fl-ahhar tieghu. M’hemm l-ebda korrispondenza ulterjuri ezibita fejn l-attrici oggezzjonat jew qanqlet xi kwistjoni ghal dan kollu.

[40] Silta mehuda minn “Commentario Breve al Codice Civile” ta’ l-awturi **GIORGIO CIAN** u **ALBERTO TRABUCCHI**, 8a ed., CEDAM 2007; p. 1578.

*delimitare la volontà delle parti, a norma dell'art. 1362, deve far riferimento alla volontà commune dei contraenti e non già a quella unilaterale di uno di essi, la quale ultima resta confinata nell'ambito dei motivi*." [sentenza nru. 1724 tas-sena 1974];[41]

**(ii)** Generalment, f'materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratti ghandha tkun ippreferita dik l-interpretazzjoni li l-aktar tikkorrispondi ghall-ghaqda tas-sinjifikati rizultanti mill-konsiderazzjoni tad-diversi klawsoli tal-kuntratt (f'dan il-kaz, il-ftehim). Ikun zball jekk wiehed jiffoka l-attenzjoni tieghu fuq xi klawsola partikulari, svixxerata jew distakkata mill-kumplament. Min hu msejjah biex jiddeciedi ghandu, invece, jezamina wkoll x'portata ghandha tigi attribwita, fic-cirkustanzi pekuljari, lill-klawsoli l-ohra tal-kuntratt in kwantu, kif maghruf, id-diversi klawsoli tieghu jservu ghall-interpretazzjoni ta' xulxin b'mod illi l-kuntratt irid jigi interpretat bhala *tout ensemble*. Hu, infatti, kanoni importanti ta' l-interpretazzjoni ta' kuntratti taht il-Kodici Civili illi, "*l-klawsoli kollha tal-kuntratt jitfissru l-wahda bl-ohra, billi lil kull klawsola jinghata s-sens illi jidher mill-att kollu*" (*vide* Art. 1008 tal-Kodici Civili u *in re* **Karen Marie Ebejer v. Direttur tas-Sigurtà Socjali**, Appell Inferjuri, tat-23 ta' Jannar, 2009);

**(iii)** Il-*punctum temporis* relevanti ghas-soluzzjoni ta' dilemma bhal din tinsab f'dak li gara precizment fid-data ta' l-iffirmar tal-ftehim *de quo* da parti tal-konvenuta. Atteggjamenti u/jew fatti konkomitanti u posterjuri ghal tali data ghandhom jigu ukoll evalwati ghal kwadru shih tal-vicenda sabiex jitfghu dawl fuq l-intenzjoni u volontà tal-kontreanti li wasslithom jintrabtu b'tali ftehim. Dwar dan il-**Qorti ta' Kassazzjoni Taljana** affermat illi, "*La commune intenzione delle parti va riferita al momento della conclusione del contratto*" [sentenza nru. 6523 tas-sena 1986] u li, "*Nell'interpretazione del contratto, il giudice deve valutare la volontà commune delle parti quale emerge, oltre che dall'atto sottoscritto, dal comportamento di ciascuna di esse, dovendosi preservare la condizione di parità dei contraenti e impedire che a una parte possa essere imposta l'interpretazione data all'altra*." [sentenza nru. 1689 tas-sena 1987] u anke illi, "*Il giudice può trarre argomenti dal comportamento di una sola delle parti se da questo e soltanto da esso ritenga di poter dedurre elementi utili a chiarire la commune intenzione ricercata.*" [sentenza nru. 1667 tas-sena 1963];[42]

**(iv)** Dak li gara wara l-ftehim jitfa dawl fuq il-vertenza odjerna. Hekk kif jghidilna **Giorgio Giorgi** ("Obbligazzioni", Vol. IV, para. §182), "*quando le parti contraenti abbiano eseguito una convenzione, il modo con cui l'hanno attuata chiarisce la loro volontà, la convenzione deve eseguirsi nel modo medesimo*

[41] *ibid*., p. 1581.
[42] *ibid*., p. 1581.

*anche nel rimanente e per l'avvenire*". Ta' l-istess fehma identika hu l-**Baudry-Lacantinerie** ("Obbligazzioni", Vol. I para. §554) fejn jghallem li "*Quando si tratta di una convenzione che è stata gia eseguita durante una o più anni, la commune intenzione delle parti risulta a sufficenza dall'interpretazione che esse stessi hanno dato alla convenzione per gli anni decorsi*." Huwa vera li hawn m'ghandniex xenarju fejn lahaq iddekorra ammont ta' zmien apprezzabbli wara l-kontrattazzjoni, izda min ghandu jiggudika jista' jislet nferenzi ta' kondotta biex jirrisali ghall-volontà antecedenti u konkomitanti tal-partijiet fuq il-medesima skrittura. Ghalhekk, l-element ta' l-ghemil ta' kontraent imkejjel mal-kwantità ta' zmien dekors jista' jigi rimpjazzat, f'determinati cirkostanzi, ma' dak tal-kwalità ta' l-istess agir.

Fil-kaz in specie, il-konvenuta ma indikat u ma mmarkat l-ebda klawsoli "tick-the box" fuq tali ftehim li jitkellem dwar in-natura tar-rabta proposta mill-attrici u l-istruttura tal-kumpens relattiv. Allura jidher li ma kinitx tikkondividihom u ma riditx tintrabat bihom. Anzi, il-konvenuta ghazlet iddahhal klawsola *ad hoc* u gdida fl-ahhar tieghu b'animu ta' sostituzzjoni ta' l-ohrajn li ma xtaqietx tintrabat bihom. Il-konvenuta ma waqfitx hemm, izda meta ikkommunikat kopja *scanned* minnha sottofirmata tal-ftehim lill-attrici, bghatet email kontestwali li kien jispecifika li hi xtaqet tintrabat solament jekk "*the fee structure takes the form of a success fee payable only if recruitment is successful, as we have in place with all other recruitment agencies*." L-attrici ma qanqlet l-ebda ilment dwar il-fatt li l-ebda klawsola "tick-the box" fil-ftehim taghha ma giet immarkata[43] u lanqas ma wriet li l-klawsola inserita mill-konvenuta ma kinitx accettabbli ghaliha. Lanqas ma wriet li offriet xi rezistenza ghall-ispjegazzjoni kontenuta fl-email kontestwali da parti tal-konvenuta fejn hemm imfisser kif din xtaqet tintrabat. Anzi, jirrizulta mill-provi li l-attrici fehemet u apprezzat il-qaghda tal-kovenuta, implicitament accettat tali aspetti u mmedjatament attivat ruhha u bdiet tibghat informazzjoni dwar kandidati prospettivi lill-konvenuta.

Ghat-Tribunal, l-ghemil sussegwenti ta' l-attrici jista' solament jigi interpretat, imfisser u kunsidrat bhala atteggjament li kien qed jikkondividi dak li xtaqet il-konvenuta skond kif minnha senjalat fil-klawsola *ad hoc* u skond dak minnha espress fl-email spejgattiv taghha. Addizzjonalment, il-klawsoli destinati li jigu "ticked" baqghu "un-ticked" u dwar dan l-aspett l-attrici ma jidhirx li ssollevat xi ilment jew talbet kjarifika.

Ghalhekk, ghat-Tribunal, l-inizjali unilateralità tal-konvenuta li ddahhal klawsola gdida (abbinat mal-fatt li ghazlet li ma timmarkax ir-relattivi klawsoli "tick-the box"

---

[43] L-attrici tirrikonoxxi li l-ebda kaxxa ma giet "ticked" (ara *a fol*. 131).

fuq il-ftehim) giet reza komuni bl-apparenti passività jew non-attività kuntrarja ta' l-attrici li ghazlet thaddem il-kontrattazzjoni lilha trazmessa u tibda' tirricerka kandidati prospettivi u tibghat l-informazzjoni mehtiega lill-konvenuta, ben konsapevoli ta' l-emeda riportata mill-konvenuta u li certu klawsoli baqghu "un-ticked". Jekk l-attrici kellha rizervi dwar xi wahda minn dawn l-affarijiet (jew entrambi), wiehed kien legittimament jistenna li hi tittenta tikkjarifika ulterjorment jekk kinitx qed taqbel jew le mal-manifestazzjoni tax-xewqat tal-konvenuta. Il-kwalità t'ghemil esternata mill-attrici, allura, kien ifisser li kienet apparentement kuntenta u sodisfatta bil-kwalifiki riportati fil-legam kuntrattwali ad opra tal-konvenuta.[44]

Din il-konkluzjoni taghti biss twegiba lil aspett wiehed, fost diversi, li jipprezenta dan il-kaz, ossia li l-klawsola *ad hoc* introdotta mill-konvenuta fil-ftehim *de quo* ghandha, fic-cirkostanzi, tinghata valur u li din torbot fuq l-attrici. Jifdal kweziti ohra li ghad iridu jigu mistharrga, u cioè jekk – immaterjali mill-imsemmija klawsola *ad hoc* – l-ingaggjar u l-eventwali impjieg tal-kandidata Katia Milazzo sehhx tramite l-operat ta' l-attrici jew le. Jekk jirrizulta illi tali impjieg sehh tramite l-operat ta' l-attrici, tiskatta l-klawsola *ad hoc* imdahhal mill-konvenuta li tillegittima t-talba attrici proprju ghax ikun "*hiring ... successful via Antal International Talent Solutions Limited*." Min-naha l-ohra, jekk jirrizulta altrimenti, il-konvenuta ma tkunx dovuta tikkumpensa lill-attrici skond il-ftehim, irrispettivament mill-esistenza ta' tali klawsola *ad hoc*.

F'dan l-istadju, it-Tribunal ihoss li ghandu jiftah parentezi biex jirrikjama l-attenzjoni ghal certa principji bazilari, izda ferm u ferm important, f'xenarju ta' legam kuntrattwali.[45]

Kif ghandu jkun mistenni u maghruf, il-kondotta konkomitanti u sussegwenti taghhom fi thaddim tal-vinkolu kontrattwali raggjunt ghandha tkun wahda ta' solidarjetà u ta' reciprocità, bazata fuq korrettezza u animata b'bona fidi,[46] hekk kif previst fl-Art. 993 tal-Kodici Civili. Ghalhekk, is-segwenti precetti huma siewja li jinzammu in mira:

---

[44] Infatti fil-kontro-ezami tieghu, Robert J. Sultana jistqarr, dwar il-klawsola l-gdida,illi, "*kif inhija miktuba kif espresso minn FBS ghalija tikkonferma l-kontenut tal-kuntratt. So, ghalija dik mhix interpretazzjoni; fil-fatt ghalhekk ma keli l-ebda oggezzjoni meta l-klijent ried jipproponiha*" (*a tergo* ta' *fol*. 131).

[45] Tali principji diga' jinsabu rikalkati fid-decizjonijiet, fost ohrajn, *in re in re* **Impel Communications Co. Ltd v. Gerard Attard et** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 15 ta' Ottubru, 2018), *in re* **Joseph Azzopardi v. Alan Ellul** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 30 ta' April, 2019), *in re* **Avukat Dr. John Bonello v. Christopher Bonello et** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 9 ta' Jannar, 2019) u *in re* **Perit Charles Azzopardi et v. Brian Zarb Adami** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 13 ta' Jannar, 2020) li lkoll ghaddew in gudikat.

[46] Fuq il-principju ta' bona fidi ara s-sentenza *in re* **Carmelo Bonello et v. Concetta Farrugia** (Appell Inferjuri, 28 ta' Frar, 2007) u dik *in re* **Michael Gatt et v. Joseph Portelli** (Appell Inferjuri, 9 ta' Lulju, 2008).

**(a)** Il-Qorti ta' Kassazzjoni Civili Taljana (kaz nru. 960 tat-18 ta' Frar, 1986) qalet illi, "*La buona fede, intesa in senso etico, come requisito della condotta, costituisce uno dei cardini della disciplina legale delle obbligazioni e forma oggetto di un vero e proprio dovere giuridico, che viene violato non solo nel caso in cui una delle parti abbia agito con il proposito doloso di recare pregiudizio all'altra, ma anche se il comportamento da essa tenuto non sia stato, comunque, improntato alla diligente correttezza ed al senso di solidarietá sociale, che integrano, appunto, il contenuto della buona fede* " (*cfr*. **Gianluca Falco**, "La Buona Fede e l'Abuso del Diritto", Giuffrè ed. 2010; p. 9). Skond l-istess qorti estera (kaz nru. 20399 tat-18 ta' Ottubru, 2004), "*il comportamento secondo buona fede e correttezza del singolo contraente è finalizzata, nel rispetto del contemperamento dei rispettivi interessi, ad una tutela delle posizioni aspettattive dell'altra parte; in tale contesto è legittimo configurare quali componenti del rapporto obbligatorio i doveri strumentali al soddisfacimento dei diritti delle parti contraenti, cosicchè è stato ritenuto che anche la mera inerzia cosciente e volontaria, che sia di ostacolo al soddisfacimento del diritto della controparte, ripercuotendosi negativamente sul risultato finale avuto di mira nel regolamento contrattuale degli opposti interessi, contrasta con i doveri di correttezza e di buona fede e può configurare inadempimento* " (*ibid*., p. 286). L-istess binarju ta' hsieb jinsab traccjat fis-sentenza ta' l-imsemmija qorti barranija datata l-4 ta' Marzu, 2003 (kaz nru. 3185) fejn hemm affermat li, "*la buona fede nell'esecuzione del contratto si sostanzia, tra l'atro, in un generale obbligo di solidarietá che impone a ciascuna delle parti di agire in modo da preservare gli interessi dell'altra a prescindere tanto da specifici obblighi contrattuali, quanto dal dovere extracontrattuale del* neminem lædere*, trovando tale impegno solidaristico il suo limite precipuo unicamente nell'interesse proprio del soggetto, tenuto, pertanto, al compimento di tutti gli atti giuridici e/o materiali che si rendano necessarì alla salvaguardia dell'interesse della controparte nella misura in cui essi non comportino un apprezzabile sacrificio a suo carico* " (*ibid*., p. 286);

**(b)** Minn dan jiddixxendi li l-bona fidi tippervadi kull kontrattazzjoni, sia jekk hi sinallagmatika[47] jew bilaterali (bhal m'huma l-konvenju jew il-

---

[47] "*da sinallagma, che è dal greco* synàllagma *accordo, da* synallàsso *stipulare, composto da* syn *insieme e* allàsso *prendere e dare in cambio. Si tratta di una parola del lessico giuridico: è un gran parolone, ma non vano, infatti ha un significato molto preciso e rilevante. Si dice sinallagmatico quel negozio che fa sorgere delle obbligazioni corrispettive fra le parti contraenti. Il caso più semplice di contratto sinallagmatico è la compravendita: io ti consegno un oggetto, tu mi versi un prezzo. Questa parola mette in luce un equilibrio*

kompravendita), wahda unilaterali (bhal m'huma t-testament jew id-donazzjoni) jew kuntratt bejn aktar minn zewg kontraenti (bhal m'hi l-krejazzjoni ta' *"joint venture*" bejn tliet entitajiet jew izjed jew l-ftehim ta' sub-inkwilinat meta jidher is-sid flimkien ma' l-inkwilin u s-sub-inkwilin). Tant hu hekk, illi l-bona fidi hi dejjem prezunta, salv il-prova kuntrarja ai termini ta' l-Art. 532 tal-Kodici Civili. Issa, mill-imsemmi Art. 993 wiehed jiddezumi illi fl-intenzjoni tal-legislatur patriju, il-principji ta' bona fidi u ta' korrettezza huma intizi bhala rekwiziti etici fil-kondotta tal-partijiet f'kull rapport obbligatorju, ossia bhala kriterji ta' reciprocità, finalizzati, in sostanza, biex izommu r-rapport guridiku ezistenti bejn il-partijiet f'binarju wiehed, ekwilibrat u proporzjonali. B'dan rilevat, tali principji jsejhu lill-kreditur biex jiehu qies ta' l-interessi tad-debitur tieghu u, fl-istess waqt, jirrikjamaw l-attenzjoni tad-debitur ghall-interessi tal-kreditur;

**(c)** Agguntivament, il-bona fidi hi dik il-mizura komportamentali li kull kontraent hu mistenni li jhaddan kemm qabel, kemm waqt u kif ukoll wara l-kontrattazzjoni, mhux biss in rispett tan-norma kodifikata fl-imsemmi Art. 993, u mhux biss in konformità mal-principju generali ta' "alterum non lædere",[48] izda anke in kollegament man-norma komportamentali ta' "bonus pater familias" statwita fl-Art. 1132(1) tal-Kodici Civili. Il-bona fidi hi regola li minnha titwieled dik l-obbligazzjoni fiducjarja bejn il-kontraenti illi, vicendevolment, igibu ruhhom b'manjiera korretta wiehed *versu* l-iehor, ossia li kontraent, filwaqt li jippersegwi l-interessi proprji, jhares ukoll dawk tal-kontraent l-iehor. Il-bona fidi, ghalhekk, tista' tissejjah bhal dik l-obbligazzjoni ta' fiducja, inerenti ghal jew abbinata ma' kull pattwizzjoni, kemm singola u kif ukoll kollettiva, kemm semplici u kif ukoll komplessa, civili jew kummercjali, li tohrog minn negozju bejn tnejn jew aktar individwi, liema obbligazzjoni komportamentali tassigura li parti kontraenti tinsab b'onestà u b'sincerità tintrabat ma', u thaddem, dak promess jew pattwit f'rapport guridiku li jkun qed jigi mahluq jew li diga' tnissel.

---

*di interessi naturale e curioso: la mia prestazione trova la sua causa nella tua prestazione. Il sinallagmatico resta quindi ciò che è caratterizzato da reciprocità: ad esempio, non sono sinallagmatici un testamento, un comodato, una donazione; invece lo sono compravendita e locazione. Fuori dal gergo giuridico, difficilmente questa parola può essere usata; ciononostante, il concetto che offre è importante: ci parla di una reciprocità concreta, tabellare, su cui fondiamo la nostra vita sociale*." (*cfr.* http://unaparolaalgiorno.it/significato/S/sinallagmatico).

[48] Imsarraf f'deskrizzjoni guridika dan il-kuncett ifisser kemm "*una regola di comportamento, quanto un precetto la cui violazione comporta la sanzione della responsabbilitá civile*." (*cfr.* **MASSIMO FRANZONI**, "L'Illecito", Giuffrè 2ª ed., 2010; p. 30). Tinfetah parentesi biex jigi sottolinejat li dan mhux kuncett distakkat mil-ligi skritta (ad ezempju, l-Art. 1031 u l-Art. 1125 Kodici Civili domestiku) izda wiehed illi, "*è statisticamente dimostrato che il neminem lædere si sia conquistato 'sul campo' un proprio diritto di cittadinanza nel sistema*." (*op. cit.*, p. 31).

L-osservazzjonijiet fuq maghmula japplikaw ghall-kaz tal-lum u ghandhom jinzammu fl-isfond ta' dak kollu li ser jitkompla jinghad f'din id-decizjoni.

It-Tribunal jikkunsidra ulterjorment;

Fil-kaz taghna, id-diverbju bejn il-kontendenti hi bazikament jekk Katia Milazzo gietx impjegata mis-socjetà konvenuta bl-adoperu ta' l-isforzi tas-socjetà attrici jew le.

It-twegiba li jasal ghaliha dan it-Tribunal huwa li l-attrici m'ghandhiex ragun fit-tezi taghha u dan ghar-ragunijiet li gejjin:

**(i)** Dan huwa hekk fid-dawl, *inter alia*, tax-xhieda ta' l-istess Katia Milazzo. Din sostniet illi ghalkemm huwa minnu li l-kumpannija attrici kienet hadet id-dettalji taghha u kienet ser tghaddihom lill-konvenuta, l-istess attrici kienet qed tinfluwenzalha d-decizjoni taghha biex taccetta twettaq *interview* ma kumpannija ohra (i.e., Trident) u tmur fid-direzzjoni ta' tali kumpannija terza (u mhux lejn dik tas-socjetà konvenuta).[49] Wara li sehh *interview* ma' tali kumpannija terza u Katia Milazzo ma intghazlitx, waqaf il-kuntatt mas-socjetà attrici. F'dan ir-rigward Katia Milazzo affermat:

- "... *kien ikkuntatjani hu* [i.e., Robert J. Sultana]*, kien hallieli messagg li kellu lista' ta' availabilities ghal vacancies certa fid-Dipartiment ta' l-accountancy, ghax jiena fuq il-finance kont qed infittex. U kien hemm zewg kumpaniji li kien qisu interessawni u qalli dwarhom; fosthom kienu FBS* [i.e., il-konvenuta] *u Trident ukoll, u tnejn li huma qalli bhal speci fuqhom u hekk; imma qisu iktar ippuxjani biex naghmlu interview ma' Trident. U fil-fatt sar l-inverview ma' Trident. Mort ghall-interview u spiccat hemm. Ma kien hemmx second interview xejn. U waqfet hemm ma' Robert, ma bqajniex in contact jew hekk. Imbaghad jigifieri hemmhekk spiccajna ma' Robert. Ma kien hemm xejn aktar. Imbaghad kont ghadni qed infittex ovvjament ghax kont ghadni minghajr xoghol u kien hemm agenzija ohra li jisimha Castille fejn qaltli fuq FBS, u tkellimna naqra iktar fuq FBS u I went for the interview*." (*a fol*. 101);

[49] Dan huwa xi ftit jew wisq kondiviz minn Robert J. Sultana waqt il-kontro-ezami tieghu (ara senjatament *a fol*. 136).

- "*imbaghad imxejna ghal Trident, u jiena qisni kont iktar ghal Trident, peress li tkellimna iktar fuqha u hu* [i.e., Robert J. Sultana] *ppuxxjani biex naghmlu l-*[interview]." (*a tergo* ta' *fol*. 101)

- "... *ovvjament jghidli b'vacancies; tipo jiena fuq accounts executive kienet il-position u hekk. U qalli li there are these 2 options, these 2 companies* ..." (*a tergo* ta' *fol*. 101) u "*hu* [i.e., Robert J. Sultana] *qalli qisu iktar ippuxxjani ghal Trident qalli; ghax jien qabel dan kont qed nahdem ma' l-EMD kumpannija lawfirm u hekk. Qalli qisha Trident iktar tixbah ma' l-EMD. Qalli anke inti biex ikollok idea qisek tibqa' ma' l-istess settur ta' kumpanija u hekk; qalli go for an interview ghand Trident milli FBS. FBS kienet qisha harira izghar bhala compared ma' EMD; allura qisu qalli biex inkomplu l-istess linja ta' kumpanija* [...] *iggajdjani ghal Trident*" (*a fol*. 102);

- Meta mostoqsija mit-Tribunal min, fil-fehma taghha, wasslek biex eventwalment tigi impjegata mas-socjetà konvenuta, Katia Milazzo affermat, bla ebda ezitazzjoni, illi kienet il-kumpannija Castille Staffing Limited (*a tergo* ta' *fol*. 102) u meta domandata l'ghaliex kienet ta' dik il-fehma, l-istess sostniet illi, "*Le qisu mohhi rraguna mela jekk qed tghidli ghal Trident qisna we compared companies, ma past experiences u kollox bhal speci u qalli* [i.e., Robert J. Sultana] *go for Trident, u waqfet hemm. U mbaghad qisni meta mort ghal Castille bdejna nitkellmu aktar u bdiet tispjegali li aktar fuq il-kumpannija u hekk; u jiena ma jien ser nitlef xejn bhal speci; fl-ahhar minn l-ahhar I want a job bhal speci. Imma daqshekk, ma' Robert ma dahalt f'dik is-sitwazzjoni ta' FBS. Imbaghad jiena qtajt il-kuntatt*." (*ibid*.) Katia Milazzo tispjega wkoll kif qatet il-kuntatt minn ma' Robert J. Sultana f'dawn il-kliem: "*Wara l-interview* [ma' Trident] *imbaghad ovvjament hu* [i.e., Robert J. Sultana] *ghamilli follow-up, wara l-intverview Trident ghamilli follow-up hu; kif mort, u taf inti, biex tiehu naqra feedback u whatever. Imma mbaghad kien qalli li ma kien hemmx second invterview min-naha taghhom ta' Trident u waqafna hemmhekk. Imbaghad bqajt tipo infittex affarijiet ohra*." (*ibid*.)

**(ii)** L-attrici ghazelt li ma twettaqx kontro-ezami lil Katia Milazzo sabiex certu narrazzjonijiet fattwali jigu, possibilment, skjariti. Ghalhekk, in-narrattiva taghha thalliet f'qaghda tali li timmina serjament it-tezi avvanzata mill-attrici. Tali narrazzjoni fattwali tissahhah meta kombinata ma' dik ta' Nicky

Farrugia (in rapprezentanza ta' Castille Staffing Limited)[50] fejn hemm spjegazzjoni ta' x'sehh dwar l-istess kandidata di fronti ghas-socjetà konvenuta.

**(iii)** Id-direttur ta' l-attrici, Robert J. Sultana, sostna li l-kumpens a favur ta' l-attrici mill-konvenuta kien dovut jekk il-kandidat propost minnha jintghazel mill-konvenuta ghall-finijiet t'impjieg. Hu spjega illi "*meta ahna nipprezentaw kandidat, jekk dak il-kandidat imur ghand il-klijent* [i.e., il-konvenuta] *u l-klijent jaccetta li jaghmillu interview, il-klijent jigi marbut maghna li l-kandidat li pprezentajna ghandu six months minn meta ahna nkunu prezentajnieh. Issa jekk il-kandidat jew kandidata tigi maghzula jigifieri hired mill-kumpannija that for me implies that Antal has been successful and hiring the candidate.*"[51] F'dan il-kaz hareg illi l-kandidata Katia Milazzo ma ghamiltx *interview* mal-konvenuta, li l-istess kandidata ghazlet triq ohra diversa minn dik fid-direzzjoni ta' impjiegg mal-konvenuta (ghax hekk inghatat parir taghmel mill-attrici) u li, *ergo*, ma gietx reklutata in kollegament ma' l-isforzi ta' l-attrici izda tramite kumpannija ohra terza. Ghalhekk dak in-*nexus* dirett, preskritt u mehtieg mir-rabta kontrattwali (salv ghal dak li ser jinghad *infra* dwar il-klawsola numru 7), kien gie nieqes ghax interrott minn avvenimenti ohra.

**(iv)** Apparti dan ma jistax jghaddi inosservat illi l-attrici kienet esplicitament ikkomunikat lill-konvenuta n-nuqqas ta interess ta' Katia Milazzo li tersaq ghal-*interview* maghha. F'dak il-mument, il-konvenuta kienet gustifikata tiskarta lil Katia Milazzo bhala kandidata proposta mill-kumpannija attrici u, bhala konsegwenza, kienet ukoll legittimata tikkunsidraha zvinkolata mill-adempiment kuntrattwali. Jekk imbaghad habat li terzi regghu avvanzaw isem Katia Milazzo – ghax kienet ghadha disponibbli u tfittex impjieg – u l-istess kandidata ghamlet *interview* u ghazlet taccetta l-offerta t'impjieg tal-konvenuta, dan huwa fattur accidentali li ma jirrispekkjax ghemil b'infrazzjoni tar-rabta li l-konvenuta kellha ma' l-attrici, aktar u aktar meta l-istess attrici kienet infurmat lill-konvenuta li l-istess kandidata ma kinitx aktar disponibbli jew propensa taccetta offerti ta' xoghol.

Ghat-Tribunal, allura, huwa alkwantu inawdit li l-istess kumpannija li inizjalment ghazlet lil Katia Milazzo, imbaghad tibda' timbutaghha fid-direzzjoni ta' potenzjali *employer* minflok iehor (i.e., lejn Trident u mhux lejn il-konvenuta), tibghat tgharraf lill-konvenuta li tali kandidata m'ghandha l-ebda interess tiltaqa' ghal *interview* mal-konvenuta u wara – ghax tintebah li Katia Milazzo giet

[50] Ara *a foll.* 121–122 *tergo*.
[51] Ara *a fol.* 131.

effettivament impjegata mal-konvenuta, izda ad opra ta' kumpannija terza (Castille Staffing Limited) – tezigi li l-legam kuntrattwali bhal donnu jigi ri-attivat u rispettat *ad unguem* u tistenna kumpens. Dan ma tantx huwa agir ta' kontraent li qed jimxi mal-kanoni ta' korrettezza u ta' bona fidi deskritti aktar kmieni u, f'tali cirkostanzi, l-invokar tal-klawsoli numru 7 u 18 tal-ftehim ma taggjovahx.

Il-klawsola numru 7 timponi obbligu fuq il-klijent li jikkumpensa u jhallas *introduction fee* lill-attrici f'kaz li "*within a period of six months from the date of a final interview of a candidate introduced by the Company* [i.e., attrici]*, or from the date of presentation where no such interview is held between the Client and the candidate .... the Client employs or engages the candidate ... or the Client, or anyone engaged by the Client, refers the candidate introduced by the Company to any third party, or to any person who would be a 'Connected Person' to the Client, who engages that candidate; ... or in any other circumstances where an engagement of a candidate who has been introduced by the Company to the Client results directly from that introduction*."[52] Il-klawsola numru 18 taqra hekk: "*The arrangement of an interview, or the interview of any candidate introduced by the Company whether affected by the Company directly or by the Client, shall be deemed to be acceptance of, and agreement to the Company terms and conditions by the Client. The provision of a CV or any information sufficient to identify the Candidate following a request by a Client shall also be demmed to be acceptance of these terms and conditions. The introduction fee will be charged whether or not the Client knew of the Candidate previously, subject to Client specifically asking the Company for details of a candidate or to arrange an interview with a candidate*."[53] Huwa veru li *pacta sunt servanda* u l-kuntratt huwa l-ligi bejn il-partijiet, izda huwa important wkoll li l-patt ikun avvolt minn korrettezza u bona fidi – haga li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, kif hawn fuq imfisser, hi manifestament karenti fl-attrici, primarjament tenut kont tax-xhieda ta' Katia Milazzo li offriet dettalji partikolari ezistenti fir-retroxena (qatt negati mill-attrici jew kontradetti minn xi evidenza ohra).

Il-bona fidi kienet tiddetta ghemil divers fuq il-parti attrici. Hi ma setatx lecitament tikkunsidra l-impjieg ta' Katia Milazzo li sehh bi sforzi taghha meta kienet hi stess li iddirottat l-attenzjoni tal-kandidata lejn *employer* iehor (i.e., Trident) u tinforma b'dan lill-konvenuta (email tal-15 ta' Novembru, 2017[54]). Ghalhekk, l-istess attrici ma setatx tistenna li tibbenefika minn servizz li effettivament qatt ma gie moghti, li minnu tittenta tislet xi frott u tigi addirittura kumpensata. U lanqas l-attrici ma tista' tinvoka l-effetti tal-klawsoli numru 7 u 18 a beneficcju taghha

[52] Ara *a fol*. 5 u *a fol*. 59 u spjegazzjoni ta' Robert J. Sultana *a tergo* ta' *fol*. 133.
[53] Ara *a fol*. 6 u anke *a fol*. 60.
[54] Ara *a fol*. 66..

peress li fix-xenarju probatorju emergenti f'dan il-kaz, l-istess klawsoli m'huma xejn hlief mekkanizmi opressivi, altament drakonjani u assolutament privi minn sens ta' korrettezza kuntrattwali, liema sens kien decizament jiddetta mod iehor.[55] Huwa f'cirkostanzi simili illi l-gustizzja ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex* Art. 6 u Art. 7(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta tigi attivata u tiehu s-sopravvent fuq precetti apparentement leciti u dan sabiex sitwazzjoni ingusta mhux biss tigi debitament indirizzata, izda wkoll radrizzata bil-ghan li l-iskwilibriju li tali sitwazzjoni tohloq jigi mill-gdid ekwilibrat u kalibrat in vista tal-fatti pruvati.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, dan it-Tribunal ma jarax li t-talba attrici hi meritevoli t'akkoljiment.

Qabel l-gheluq ta' din is-sentenza, ma jkunx futili jigi mfakkar illi, "*Hu fil-poter diskrezzjonali tal-gudikant li jislet mill-istess provi dik il-prova li hu jqis l-aktar attendibbli u affidabbli ghall-formazzjoni tal-konvinciment u li jwarrab jew jiskarta dik il-prova li hu jqis inkompatibbli mar-*ratio decidendi *adottata*." (**Elizabeth Bugeja v. Anthony *sive* Tony Muscat** Appell Inferjuri, 27 ta' Gunju, 2007). Inoltre, kontendent fi proceduri gudizzjarji (kemm attur u kif ukoll konvenut) ma jistax jippretendi illi min ghandu jiggudika ghandu jaccetta bhala sagrosant l-assunzjonijiet kollha tieghu kontra l-konvinzjonijiet ta' min hu tenut jiggudika (*vide* **Antoine Vassallo v. Paul Portelli**, Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2008) ghax, kif maghruf, il-gudikant, f'sede civili, hu fakoltizzat bid-diskrezzjoni li japprezza l-elementi probatorji akkwiziti u li jispogola minnhom dawk il-fonti ta' provi li hu jidhirlu l-aktar idoneji biex isostni d-decizjoni tieghu (*vide* **Anthony Mifsud et v. Victor Calleja et,** Appell Inferjuri, 9 ta' Jannar, 2008). Anzi, jinsab sahansitra rikonoxxut illi anke jekk sabiex tasal ghar-*ratio decidendi* tas-sentenza, il-qorti ta' l-ewwel grad taghzel tistrieh kwazi ghal kollox fuq ir-rizultanzi istruttorji forniti minn parti wahda, u mhux fuq l-assjem tal-provi, dan ma jgibx ghal daqshekk illi s-sentenza hi radikalment hazina jew erroneja (ara f'dan is-sens *vide* **Bonalco Aluminium Limited v. John Peresso**, Appell Inferjuri, 12 ta' Dicembru, 2007). Ir-raguni wara dan jista' jinsilet mill-kliem utilizzat mill-Qorti ta' Kassazzjoni Civili Taljana, fil-kaz ta' '*Zambelli c. Tarozzo*' tat-28 ta' Jannar, 1977, fejn hemm affermat hekk: "*L'obbligo della motivazione deve ritenersi assolto dal giudice del merito ogni qualvolta questi indichi gli elementi sui quali fonda il proprio convincimento, dovendo ritenersi disattesi, per implicito, quei diversi rilievi e quelle circostanze, che, sebbene non menzionati espressamente, siano logicamente incompatibili con la decisione addottata*." (*cfr*. "**MASSIMARIO DELLA GIURISPRUDENZA ITALIANA**" Anno XLVII – 1977; UTET 1979, massima nru. §444

[55] Tali ineffikacja mhix kollegata mar-regolarità tal-ftehim izda mal-produzzjoni tal-effetti tieghu. Lanqas ma hi marbuta mal-volontà tal-partijiet li kkuntrattaw izda mal-konsegwenza tad-difett originarju ta' l-istipulazzjoni kontrattwali

riportata f'pagna 107). Ghalkemm din is-sentenza ma tirreferix specifikatament ghal kull prova dokumentarja u kull deposizzjoni testimonjali u kull sottomissjoni maghmula mid-difensuri – filwaqt li jigi assikurat li dawn gew kollha ezaminati – l-omissjoni taghhom hi dovuta ghall-fatt li dak ommess ma kienx rilevanti ghall-kunsiderazzjonijiet hawnhekk intraprizi.[56]

In fine, it-Tribunal jaggungji osservazzjoni *obiter*. It-Tribunal japprezza u jifhem il-fatt li ftehim jigi redatt b'manjiera biex jinghalqu certu *lacunæ* (jew *loopholes*[57]) li jafu jwasslu ghal certu abbuz. Madanakollu, ftehim m'ghandux lanqas jigi msarraf f'ghodda iebsa u unilaterali li sservi ta' komfort jew protezzjoni ghal-kontraent wiehed biss, filwaqt li thalli lill-kontraent l-iehor kwazi mnezza minn kull fakultà jew setgha. Ghalhekk, filwaqt li kwalsiasi abbuz ghandu jkun kundannat, it-Tribunal jirrakkomanda lill-parti interessata biex timmodifika, temenda, tibdel jew taggusta idonejament certi "terms and conditions" biex kwalsiasi eventwali fethim u/jew kuntrattazzjoni tkun wahda ekwilibrata u gusta ghall-kontraenti kollha.

**GHALDAQSTANT**, ghall-motivi u kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u konsistentement maghhom, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jakkolji l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta, jichad it-talba attrici, bl-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri a karigu ta' l-istess attrici.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

---

[56] (*cass. civ.*, Sez. VI-3, sentenza nru. 16467 ta' l-4 ta' Lulju, 2017): "*La valutazione delle risultanze delle prove ed il giudizio sull'attendibilità dei testi, come la scelta, tra le varie risultanze probatorie, di quelle ritenute più idonee a sorreggere la motivazione, involgono apprezzamenti di fatto riservati al giudice di merito, il quale è libero di attingere il proprio convincimento da quelle prove che ritenga più attendibili, senza essere tenuto ad un'esplicita confutazione degli altri elementi probatori non accolti, anche se allegati dalle parti.*" (*cass. civ.*, Sez. Lavoro, sentenza nru. 13485 tat-13 ta' Gunju, 2014): "*In tema di prova, spetta in via esclusiva al giudice di merito il compito di individuare le fonti del proprio convincimento, di assumere e valutare le prove, di controllarne l'attendibilità e la concludenza, di scegliere, tra le complessive risultanze del processo, quelle ritenute maggiormente idonee a dimostrare la veridicità dei fatti ad esse sottesi, assegnando prevalenza all'uno o all'altro dei mezzi di prova acquisiti, nonché la facoltà di escludere anche attraverso un giudizio implicito la rilevanza di una prova, dovendosi ritenere, a tal proposito, che egli non sia tenuto ad esplicitare, per ogni mezzo istruttorio, le ragioni per cui lo ritenga irrilevante ovvero ad enunciare specificamente che la controversia può essere decisa senza necessità di ulteriori acquisizioni.*"
[57] Ara ri-ezami ta' Robert J. Sultana *a tergo* ta' *fol*. 136.